**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**Aaron Mangion**

**Kumpilazzjoni Numru: 278/17**

**Illum, 20 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Aaron Mangion detentur tal-karta tal-identita` numru 444786M akkuzat talli fil-15 ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-11:00am gewwa z-zona industrijali ta' Bulebel, limiti taz-Zejtun:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Vella (ID nru 65862M), minhabba li l-istess offiza ggib mankament jew sfregju fil-wicc ta' l-istess Joseph Vella, skond kif iccertifika Dr. Marius Caruana MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, kif ukoll

2. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Joseph Vella.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 216(1)(b), 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, il-Qorti ssib lill-imputat Aaron Mangion hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**